MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 360/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Johann Fenech)**
**Vs**
**Sandro Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Sandro Mifsud (ID no. 199673M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Marzu 2000 u jiem ta' qabel ġewwa l-Isptar ta' Mt. Carmel, Attard, f'ħinijiet differenti-

a. "Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tas-sena 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.

292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga msemmija w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medici Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**b.** Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' 1939 dwar il-kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

c. Talli ikkommetta dawn ir-reati lil persuna jew persuni li qieghdin isegwu programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Awissu, 2011, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 98 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u GN 292/1939 iddikjarat li sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza w cioe` pussess ta’ droga u ikkundannatu għall-piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar effettiv u ddikjarat li ma sabitux hati tal-akkuzi l-oħra u illiberatu minnhom.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-appellant biex iħallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta’ periti jew esperti, izda l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ tali talba stante li mill-process ma jirrizultax l-ispejjez li gew inkorsi mal-hatra ta’ xi perit.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fit-12 ta’ Settembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel u t-tielet u sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u tirriformaha billi tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva u mhux idonea. Illi f’dan ir-rigward jigi sottomess illi l-appellant kellu passat difficli ferm, li ma ppermettulux jistrada ruhu kif imiss fil-hajja, imsawwar minn problemi kbar fil-familja liema diffikultajiet swew ta’ detriment akbar ghall-zvilupp normali tieghu.

Illi n-nuqqas ta’ gwida idonea f’ħajjet l-appellant, li normalment tingħata mill-ġenituri lil uliedhom, kienet fattur li naqqset mill-motivazzjoni ta’ l-appellant sabiex dan isegwi ħajja ta’ għaqal.

Illi kif gia kellu okkażjoni jissottometti l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, dan hu kaz illi jirrisali ghas-sena 2000. Illi ghal xi raguni ma ttiehdu ebda passi fil-konfront ta' l-esponent qabel it-trapass ta' hames snin u ghal xi raguni ohra inspjegabbli, l-prosegwiment tal-kawza kien erratiku u ghal snin shah ma sar xejn. Illi l-appellant spicca skonta tnax-il sena habs konsekuttiva f'liema perjodu jkollu jammetti illi aktar sab tfixkil milli xi ħadd illi jiftaħlu għajnejh.

Illi dan il-fatt gie sottolineat mill-probation officer Miriam Sevasta fir-rapport tagħha illi fost ir-rakkomandazzjonijiet taghha lil dik il-Qorti, l-probation officer kienet tal-fehma illi minhabba l-passat difficli tieghu, l-appellant ghandu jinghata c-cans jirrintegra ruħu fis-socjeta`.

Illi cio nonostante l-Ewwel Qorti dehrilha illi għandha tkun kiefra u tuża id iebsa mal-esponenti u tinfliġġi piena fil-massimu tal-parametri dettati mil-ligi għall-imputazzjoni ta' pussess ta' droga.

Rat il-fedina penali tal-appellant.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Illi mill-atti jirriżulta li l-appellant kien ammetta t-tieni imputazzjoni dwar pussess mhux għall-użu esklussiv nhar 1 ta' Ġunju 2010 (fol 98).

Mis-sentenza tat-30 t'Awwissu 2011 jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati tat-tieni akkuża u ċioe' ta' 'pussess ta' droga' u illiberatu miż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra.

Milli jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet qed tirreferi għat-tieni imputazzjoni kif redatta u kif ammessa mill-istess appellant – jiġifieri li sabitu ħati ta' pussess mhux għall-użu esklussiv. U ma setax ikun mod ieħor għax

meta għamel l-ammissjoni, l-appellant m'għamel ebda kwalifika li huwa kien qed jammetti għall-pussess sempliċi biss. **Dan huwa li jirriżulta mill-atti**.

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ħarxa miegħu. Il-Qorti eżaminat fol 172 tal-proċess (fol 34 tas-sentenza). Jidher li l-Qorti tal-Maġistrati kienet studjat is-sitwazzjoni sew u saħansitra qalet:

'Il-fatt li fil-mori ta' dan il-każ, wara li il-Qorti tant ħadet paċenzja bih, huwa kkommetta reat serju u rreġistra ammissjoni, ifisser li l-imputat qed iwebbes rasu li jkompli bil-ħajja ta' kriminalita' u għalhekk il-Qorti għandha tuża id kiefra miegħu.'

Din il-Qorti fliet l-atti kollha sew u jidhrilha li għandha tqis dawn il-fatti:

(1) Il-fatti allegatament seħħu fil-11 ta' Marzu 2000 u l-jiem ta' qabel. Iċ-ċitazzjoni kontra l-appellant kienet intavolata fl-24 t'Ottubru 2005. Jirriżulta mill-atti li l-istqarrija tal-appellant saret fit-12 ta' Marzu, 2000. Mela l-proċeduri nbdew aktar minn ħames snin u seba' xhur wara.

(2) Illi l-probation officer kienet issuġġeriet li l-appellant jingħata ċans ieħor.

(3) Min-naħa l-oħra mill-fedina penali, sas-sena 2000, jirriżulta li l-appellant kellu diġa' diversi kundanni mniżżlin fil-kondotta li jinkludu serq u pussess ta' xi sustanza illegali.

Meta qed tqis dawn l-elementi flimkien, kemm dawk favur l-appellant (l-ewwel tnejn) kif ukoll dik kontra (it-tielet punt hawn fuq), il-Qorti qed tiddeċiedi li għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-30 t'Awwissu 2010 billi filwaqt li

tikkonfermaha fejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u fejn illiberatu mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni qed tirriformaha f'dik il-parti fejn kienet ikkundannatu għal perjodu ta' tmintax-il xahar priġunerija u minflok qed tikkundannah għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija. Qed tirrikkommanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa lill-appellant sabiex dan ikun jista' jaqbad it-triq it-tajba u jkompliha. Jekk jista' jkun l-appellant jibda jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-aktar fis possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------